MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2002

Numru 60/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR CARLO ELLUL**

**VS**

**LORENZA FARRUGIA**

**Illum 27 ta' Novembru 2002.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Lorenza Farrugia k/a Lora Farrugia, 39 sena, bint Carmelo Farrugia u Tessie nee' Hili imwielda Pieta' fit-30 ta' Marzu 1962 u toqghod 154, St. Domenic Street, Zabbar, detentura tal-Karta ta' L-Identita' numru 232662(M);

Talli fil-15 ta' Ottubru 2001, u fil-granet u fix-xhur ta' qabel din id-data, gewwa l-Isptar San Luqa, Pieta', bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem taghha nnifisha jew b'isem mahluq, hedied lil Helen Zammit b'xi delitt u aktar;

2) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhal ufficjal jew impjegata pubblika saret hatja ta' reat iehor li kellha tissorvelja biex ma' jsirx jew li minhabba l-kargia taghha kellha d-dmir li timpedixxi;

3) Barra minn dan il-Qorti hija umilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tornda li l-hatja ggib il-pleggerija jew taghti l-obbligazzjoni msemmija fl-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara illi rat l-Artikoli 383, 384, 385, 249 (1)(3) u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha dedotti u ezaminat id-dokumenti kollha ezebiti;

Wara illi rat ir-relazzjoni tal-Perit Kaligrafu;

Ikkonsidrat:

Illi l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni, ikkonfermati mill-istqarrija ta’ l-istess imputata, kif ukoll mir-relazzjoni tal-perit tekniku Joseph Gaffiero, ma’ jhallu ebda alternattiva lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmija imputata hatja. Jirrizultaw it-theddid u ma’ tirrizultax l-element ta’ ko-erzjoni.

Wara illi hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta’ l-imputata, u l-iskop il-ghaliex saru dawna l-ittri, tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni li ma’ tikkommettix reat iehor fiz-zmien sentejn (2) mil-lum, a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputata.

-------------------------------TMIEM-------------------------------